**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 23 ta' Mejju, 2017**

**Rikors Guramentat Nru: 44/2016 AF**

**CFF Filiberti Srl (socjetà estera registrata gewwa l-Italja bin-numru ta' registrazzjoni PR95821)**

**vs**

**Grand Harbour Regeneration Corporation plc (C42094) (GHRC)**

**BIB Joint Venture**

**Q Stone Limited (C-52046)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tas-soċjetà attriċi li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Ir-rikorrenti kienet inkarigata bhala sub-appaltatur tal-Joint Venture intimata sabiex tipprocessa u tistalla xogholijiet tal-gebel mal- u fil-bini tal-parlament il-gdid f'Bieb il-Belt, Valletta.

Is-socjetà intimata Q Stone Limited kienet giet indikata bhala Nominated Supplier mill-Grand Harbour Regeneration Corporation ghal provista tal-gebel li kellu jintuza fl-imsemmi progett.

Kemm l-intimata BIB Joint Venture kif ukoll Q Stone Limited huma debituri tas-socjetà rikorrenti kif ser jigi ppruvat fil-mori ta' dawn il-proceduri.

L-imsemmija intimati BIB Joint Venture u Q Stone Limited iddikjaraw li huma kredituri tal-intimata Grand Harbour Regenration Corporation kif ser jigi ppruvat fil-mori ta' dawn il-proceduri.

L-uniku mezz kif is-socjetà rikorrenti tista' tigbor il-flejjes dovuti lilha minghand l-intimati BIB Joint Venture u Q Stone Limited huwa billi tithallas direttament mill-Grand Harbour Regeneration Corporation mill-flejjes li l-istess korporazzjoni ghandha thallas lill-intimati BIB Joint Venture Limited u Q Stone Limited, liema entitajiet guridici r-rikorrenti ghandha ghalfejn tifhem li gew imwaqqfa esklussivament ghall-iskopijiet tal-progett hawn fuq imsemmi u li fil-fatt ma ghandhom l-ebda assi ohra li minnhom tista' tithallas is-socjetà rikorrenti.

Minkejja li r-rikorrenti interpellat lill-intimati BIB Joint Venture u Q Stone Limited sabiex ihallsu dak dovut minnhom huma baqghu inadempjenti minkejja li r-rikorrenti esplorat anke possibilitajiet bonarji ghal transazzjoni.

L-ghan ahhari tal-intimati huwa li jgibu lir-rikorrenti f'qaghda finanzjarji tali li twassal ghall-falliment taghha sabiex b'hekk l-istess intimati jeludu l-obbligu tal-pagament taghhom lejn ir-rikorrenti sabiex jevitaw li jhallsu lir-rikorrenti tax-xoghol esegwit minnha.

Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li l-intimati BIB Joint Venture u Q Stone Limited huma debituri tas-socjetà rikorrenti.

2. Tillikwida okkorrendo permezz ta' periti nominandi s-somma hekk dovuta lir-rikorrenti mill-intimati BIB Joint Venture u Q Stone Limited.

3. Tiddikjara li l-intimata Grand Harbour Regeneration Corporation p.l.c. hija debitrici tal-intimati BIB Joint Venture u Q Stone Limited.

4. Tillikwida okkorrendo permezz ta' periti nominandi s-somma hekk dovuta mill-Grand Harbour Regenration Corporation p.l.c. lill-intimati BIB Joint Venture u Q Stone Limited.

5. Tikkundanna lill-intimati in solidum bejniethom ihallsu lir-rikorrenti s-somma likwidata skont it-tieni talba.

Bl-ispejjez u bl-imghax dekorribbli skont il-ligi kontra l-intimati li r-rapprezentanti u/jew ufficjali taghhom huma minn issa ingunti in subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ġuramentata tas-soċjetà intimata Q Stone Limited li permezz tagħha eċċepiet illi:

L-azzjoni attrici hi insostenibbli u dana in kwantu l-esponenti mhijiex kreditrici tal-istess GHRC u dana peress li hi qatt ma irciviet hlasijiet minghandha u lanqas ma ghandha ebda pretensjonijiet ta' hlasijiet kontra l-imsemmija GHRC.

In oltre, s-socjetà esponenti lanqas ma hi kreditur jew debitur ta' BIB Joint Venture.

Mhux minnu li s-socjetà esponenti hija debitrici tas-socjetà attrici anzi s-socjetà esponenti hija kreditrici tas-socjetà attrici u dan kif jirrizulta minn tlett (3) kawzi fl-ismijiet Q Stone Limited vs CFF Filiberti SRL li ghandom ir-rikors mahluf numru 515/2014MCH u 849/2014LM u 742/15 JPG kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Ghalhekk isegwi li s-socjetà attrici ma ghandhiex l-interess guridiku mehtieg sabiex tintavola l-*actio debitor debitoris mei* u lanqas ma jezistu l-elementi mehtiega mill-ligi sabiex din il-kawza tigi intavolata mis-socjetà attrici.

Minghajr xi pregudizzju ghall-premess, tenut kont li din l-azzjoni zgur ma tistax tirnexxi inkwantu dak eccepit fl-eccezzjonijiet enumerati wiehed (1) sa erbgha (4), l-azzjoni attrici hija wkoll infondata fil-fatt u fid-dritt stante li skond il-gurisprudenza nostrana, ma hux konsentit li kreditur jesperixxi l-azzjoni gudizzjarja kontra l-allegat debitur tieghu, jekk qabel ma jippruvax li l-qaghda finanzjarja tad-debitur tieghu hi tali jekk ma jestitwixxix il-proceduri hu, il-possibilità li jigbor flusu minghand id-debitur tieghu tista' tigi pregudikata serjament. Certament li s-socjetà esponenti ma hijiex f'qaghda finanzjarja tali li jiskatta fl-attur l-interess guridiku li jintavola l-*actio debitoris mei*.

Fil-mertu, dwar l-allegati flejjes konsistenti f'penali li skont is-socjetà attrici huma dovuti mis-socjetà esponenti skond id-dokument FB2 anness mar-rikors mahluf allegatament dovuti bhala penali, jigi eccepit li digà kien hemm kawza f'dan ir-rigward u s-socjetà esponenti giet liberata mill-osservanza tal-gudizzju f'dina l-kawza, liema kawza ggib in-numru 859/2014LM fl-ismijiet Q Stone Limited vs CFF Filiberti SRL.

Dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, dawn il-penali gew mahduma mis-socjetà attrici unilateralment u b'mod ghali kollox irregolari u abbuziv u ma hemm l-ebda gudikat li jillikwida u jikkundanna lill-esponenti thallas dawn il-penali, oltre l-fatt li kien hemm ukoll skrittura ta' transazzjoni li ssorvolat dawn il-pretensjonijiet; (Kopja ta' dan il-ftehim li gie ffirmat bhar is-6 ta' Novembru 2013, qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala 'Dokument QS1').

Dawn il-proceduri saru sabiex is-socjetà rikorrenti tipprova tiggustifika il-problemi finanzjarji kbar li hi fil-verità ghandha sabiex thallas lis-socjetà esponenti u kif ukoll lil diversi entitajiet ohrajn, kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Salv eccezzjonijiet ohra permessibbli mill-ligi.

Bl-ispejjez kontra s-socjetà rikorrenti li hi minn issa ngunta in subizzzjoni.

Rat id-dokument anness.

Rat ir-risposta ġuramentata tas-soċjeta intimata BIB Joint Venture li permezz tagħha eċċepiet illi:

Jigi umilment eccepit li l-intimata eccipjenti mhix debitrici tar-rikorrenti, stante li r-rwol taghha kien ta' amministrattrici tal-progett ta' Bieb il-Belt u tal-fondi li jispettaw lid-diversi entitatjiet u socjetajiet li effettwaw ix-xogholijiet mghoddija lilha mill-GHRC intimata, fosthom ir-rikorrenti fil-*package* li kienet involuta fih. Kull ammont ta' flus li r-rikorrenti thallset in konnessjoni mal-*package* li fih hadmet fil-progett ta' Bieb il-Belt gie mghoddi lilha skond u kif miftiehem.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-uniku ammont li r-rikorrenti fadlilha tiehu mill-GHRC intimata jikkonsisti f'*retention money* li, skont il-ftehim bejn il-partijiet, mhux ser jigi rilaxxat qabel l-gheluq ta' sena mid-data tat-tlestija tal-progett ta' Bieb il-Belt, liema kundizzjoni ghadha ma avverratx ruhha u ghalhekk, kull talba f'dan ir-rigward mir-rikorrenti hija intempestiva.

Ukoll minghajr pregudizzju ghas-suespost, *dato ma non concesso* li hemm xi ammonti dovuti lir-rikorrenti mill-GHRC, il-kawza u t-talbiet odjerni ma kienux "*l-uniku mezz kif-is-socjetà rikorrenti tista' tigbor il-flejjes dovuti lilha ... billi tithallas direttament mill-Grand Harbour Regereneration Corporation mill-flejjes li l-istess korporazzjoni ghandha thallas lill-intimati*," stante li l-esponenti mhix fi stat ta' insolvenza kif definit fl-Att dwar il-Kumpanniji, Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ukoll minghajr pregudizzju ghas-suespost, *dato ma non concesso* li hemm xi ammonti dovuti lir-rikorrenti mill-GHRC, in-nuqqas ta' hlas da parti tal-GHRC ma rrizulta mill-ebda nuqqas u/jew negligenza tal-esponenti, li dejjem agixxiet in *buona fede* u bhala *bonus paterfamilias*.

Ukoll minghajr pregudizzju ghas-suespost izda wkoll fil-mertu, trid *in ogni caso* tingab prova tal-ammonti allegatament dovuti lir-rikorrenti.

Ukoll minghajr pregudizzju ghas-suespost izda wkoll fil-mertu, trid *in ogni caso* tingab prova tal-allegata insolvenza tal-esponenti.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ġuramentata tas-soċjetà intimata Grand Harbour Regeneration Corporation plc li permezz tagħha eċċepiet illi:

Preliminarjament, in-nullità tal-azzjoni attrici a tenur l-artikolu 460 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, stante li l-istess azzjoni ma gietx preceduta minn ittra ufficcjali jew protest gudizzjaqu kif mehtieg *ad validatem* skont il-ligi.

Preliminarjament ukoll, l-irrecevibilità tar-rikors mahluf stante n-nuqqas intenzjonali da parti tar-rikorrenti tal-hlas shih u korrett tad-dritt tar-Registru. Huwa palezi mid-Dokumenti FB1 u FBZ annessi mar-rikors promotur li l-ammont pretiz f'din il-kawza qatt ma kien fil-limiti tal-ammont li fuqu thallas id-dritt u lanqas, skont is-socjetà rikorrenti, ma kien ammont *da liquidarsi*, imma kien ammont likwidu u maghruf. Illi l-irrecevibilità u s-sussegwenti nullità tar-rikors tirrizulta mill-fatt li l-hlas korrett tad-drtt tar-Registru jikkostitwixxi materja ta' ordni pubbliku.

Preliminarjament ukoll, is-socjetà rikorrenti m'ghandiex l-interess guridiku mehtieg biex tipproponi l-azzjoni attrici, stante transazzjoni milhuqa qabel l-intavolar tal-azzjoni odjerna bejn il-konsorzju intimat BIB u l-Korporazzjoni eccipjenti.

Ghalhekk l-azzjoni hi estinta, kif ukoll improponibbli, u l-eccipjenti ghandha tigi liberata mill-osservanza ta l-gudizzju.

L-interess guridiku tas-socjetà rikorrenti jrid jigi ppruvat ukoll fil-kuntest tal-azzjoni esperita, fejn irid jigi ppruvat ukoll li jezistu l-elementi mehtiega ghall-azzjoni surrogatorja, li huma ghal kollox karenti.

Preliminarjament ukoll, l-esponenti jecepixxi l-improponibilità tal-azzjoni odjerna in kwantu hi nkompatibbli ma' transazzjoni raggunta bejn is-socjetà attrici u s-socjeta' intimata Q Stone Limited.

Subordinatament u bla hsara ghall-premess, il-hames talba in kwantu diretta kontra l-eccipjenti hi mproponibbli, monka, irrita u nulla u dana billi hi kundanna ghall-hlas konsegwenzjali ghall-akkoljiment tat-tieni talba kontenuta fir-rikors mahluf promotur, liema tieni talba ma hix diretta kontra l-eccipjenti. Ghalhekk din it-talba ghandha tigi michuda.

Subordinatament ukoll u dejjem bla hsara ghall-premess, il-hames talba in kwantu diretta kontra l-eccipjenti hi wkoll monka, irrita, nulla, improponibbli, inammissibbli u inkompatibbli max-xorta ta' azzjoni proposta, u dana billi fl-eventwalità ta' ezitu favorevoli ghar-rikorrenti fl-ewwel erba' talbiet tieghu, u konsonantement mar-raba' talba attrici, l-eccipjent jista' jigi kundannat ihallas biss lill-allegati kredituri tieghu skont ma jigi deciz fit-tielet u r-raba' talba attrici, u mhux lis-socjetà attrici.

Fil-mertu u minghajr ebda pregudizzju ghas-sueccepit, l-azzjoni attrici hi nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda. L-eccipjenti ma hix debitrici tal-konsorzju intimat BIB, salv ghal ammont ta' *retention money* li ghadu m'huwiex u jista' ma jigix dovut, u ghalhekk qed tigi eccepita wkoll l-intempestività tal-azzjoni attrici. L-eccipjenti ma huwiex u ma jistax ikun debitur tas-socjetà intimata l-ohra Q Stone Limited stante li ma tezisti l-ebda relazzjoni guridika bejniethom.

Is-socjetà attrici ma tistax, f'kull kaz u dejjem bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti, titlob li jigi mhallas favuriha mill-korporazzjoni eccipjenti ammont oghla minn dak pattwit fil-ftehim milhuq mal-konsorzju BIB, u biss jekk tali ammont

jigi dovut jekk ikun hemm l-osservanza tal-kundizzjonijiet raggunti f'dak il-ftehim.

L-azzjoni *de quo* hi mproponibbli billi ma hijiex wahda mill-azzjonijiet li jistghu jigu esperiti minn socju kontra s-socjetà. Is-socjetà attrici hi wahda mis-socji fil-konsorzju intimat BIB.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri, u bl-ispejjez.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza dwar l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari sollevati mis-soċjeta intimata Grand Harbour Regeneration Corporation.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi l-azzjoni tal-lum hija l-*actio debitor debitoris mei* regolata mill-artikolu 1143 tal-Kodiċi Ċivili li jiddisponi hekk:

> *"Kull kreditur jista' biex jitħallas ta' dak li jkollu jieħu, jeżerċita l-jeddijiet jew l-azzjonijiet kollha tad-debitur tiegħu, barra minn dawk li huma għal kollox personali."*

Din is-sentenza hija limitata għall-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-intimata Grand Harbour Regeneration Corporation plc (GHRC).

Permezz tal-ewwel eċċezzjoni tagħha, is-soċjetà intimata GHRC eċċepiet illi l-azzjoni attriċi hija nulla fil-konfront tagħha a tenur tal-artikolu 460 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili stante li l-azzjoni ma ġietx preċeduta minn ittra uffiċjali jew protest ġudizzjarju intavolat kontriha.

Id-disposizzjonijiet rilevanti tal-artikolu 460 tal-Kapitolu 12 jaqraw hekk:

> "*(1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2), ebda att ġudizzjarju li bih jinbdew xi proċedimenti ma jista' jiġi ppreżentat, u ebda proċedimenti ma jistgħu jittieħdu jew jinbdew, u ebda mandat ma jista' jiġi mitlub, kontra l-*

*Gvern, jew kontra xi awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni, barra mill-Kummissjoni Elettorali, jew kontra xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kwalità uffiċjali tagħha, ħlief wara li jgħaddu għaxart ijiem min-notifika kontra l-Gvern jew dik l-awtorità jew persuna kif intqal qabel, ta' ittra uffiċjali jew ta' protest li fih il-pretensjoni jew it-talba tiġi mfissra b'mod ċar.*

*(2) Id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) ma japplikawx –*

*(a) għal azzjonijiet għal rimedju taħt l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni; jew*

*(b) għal mandati ta' inibizzjoni; jew*

*(ċ) għal azzjonijiet għall-korrezzjoni ta' atti tal-istat ċivili; jew*

*(d) għal azzjonijiet li għandhom jinstemgħu bl-urġenza;*

*(e) għal riferenzi ta' tilwimiet għall-arbitraġġ,*

*u meta skont id-disposizzjonijiet ta' xi liġi għandha tiġi mħarsa proċedura partikolari, magħdud terminu jew żmien ieħor, id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) m'għandhomx japplikaw u l-imsemmija proċedura, magħdud kull terminu jew żmien ieħor, għandha tapplika u tiġi mħarsa minflokhom."*

Kif ingħad fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet Charlie Pace et vs Kunsill Lokali Mosta et tat-13 ta' Ġunju 2013:

*"Illi sa minn mindu l-imsemmi artikolu ddaħħal fil-liġi proċedurali fl-1981, dejjem inżamm li, fejn jidħlu proċeduri kontra l-Gvern jew xi awtorita' pubblika, huma biss l-azzjonijiet li jissemmew b'mod tassattiv fis-subartikolu 460(2) ta' dak l-artikolu li ma jaqgħux taħt il-morsa tas-subartikolu 460(1). Kull azzjoni oħra li taqa' 'l barra minn dawk il-każijiet speċifiċi trid tabilfors tgħaddi mill-għarbiel preventiv tal-interpellazzjoni ġudizzjarja u l-mogħdija ta'*

*żmien ta' għaxart ijiem minn mindu l-Gvern, awtorita' jew persuna pubblika tkun laqgħet għandha dak l-att ġudizzjarju interpellatorju. Ittri interpellatorji jew minn idejn avukat li ma jkunux atti ġudizzjarji ma jgħoddux għal daqshekk;*

*Illi l-Qorti tagħraf li l-ħtieġa tal-ħruġ ta' talba ġudizzjarja qabel tista' tinfetaħ kawża jew jittieħed proċediment ieħor hija regola proċedurali li tagħti privileġġ lill-Gvern. Bħala tali, tirrappreżenta limitazzjoni fuq il-jedd tal-persuna li tfittex il-jeddijiet tagħha kontra l-amministrazzjoni pubblika. Minħabba f'hekk, it-tħaddim tar-regola iebsa maħluqa bl-artikolu 460 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili trid tingħata tifsira restrittiva biex ma toħnoqx bla bżonn l-azzjoni ġudizzjarja kontra l-awtorita' pubblika fejn din tista' tibqa' miexja 'l quddiem. Jibqa' dejjem li dan il-privileġġ proċedurali huwa wieħed ta' ordni pubbliku, u l-persuni li favurihom japplika lanqas jistgħu jirrinunzjaw għalih jew ma jinsistux iżjed dwaru, minbarra l-fatt li l-kwestjoni tista' titqajjem mill-Qorti ex ufficio.*

*Illi l-imsemmi artikolu huwa privileġġ proċedurali mogħti favur il-Gvern, korpi u persuni msemmija f'kawżi li fihom ikunu mħarrkin, liema privileġġ ġie mfisser li japplika għal kull għamla ta' att ġudizzjarju li bih jinbdew proċedimenti kontra l-Gvern, dawk il-korpi jew dawk il-persuni.*

*Illi għalhekk l-għan wara l-imsemmi artikolu 460 – dak li jagħti lill-Gvern u lill-awtoritajiet pubbliċi l-opportunita' li jiddefendu kif jixraq lilhom infushom f'każ li jittieħdu proċeduri kontra tagħhom – m'għandux jissarraf fiċ-ċaħda bla rażan tal-jedd taċ-ċittadin li jfittiex id-drittijiet tiegħu fil-qrati;*

*Illi, min-naħa l-oħra, dan jitlob ukoll li min ikun irid iressaq azzjoni kontra l-amministrazzjoni pubblika jrid jara li jħares b'reqqa dak li jitlob l-imsemmi artikolu. Minbarra dan, l-interpellazzjoni ġudizzjarja trid tkun kontra dik il-persuna jew awtorita' li kontriha tinbeda l-kawża (jew proċedura oħra li tkun) wara li jgħaddu l-għaxart ijiem żmien hemm imsemmija. Il-liġi titlob ukoll li l-pretensjoni tal-mittent jew*

> *tal-protestant fl-ittra uffiċjali jew fil-protest "tiġi mfissra b'mod ċar";"*

Hekk ukoll fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta tas-26 ta' Gunju 2003, fl-ismijiet Emanuel Bugeja us Mary Rose Bugeja et ingħad illi:

> "*Illi l-imsemmi artikolu huwa privilegg procedurali moghti lill-Gvern f'kawzi li fihom ikun imharrek u gie mfisser bhala regola ta' ordni pubbliku, u japplika ghal kull ghamla ta' att gudizzjarju li bih jinbdew procedimenti kontra l-Gvern... Illi l-imsemmi privilegg, jekk ma jitharisx, iwassal ghan-nullità ta' l-azzjoni li tkun ittiehdet bi ksur tieghu.*"

Mill-provi prodotti jirriżulta li s-soċjeta attriċi intavolat protest ġudizzjarju kontra s-soċjetajiet intimati Q Stone Limited u BIB Joint Venture qabel ipproċediet bil-kawża odjerna. Dan il-protest ġie biss notifikat lis-soċjetà eċċepjenti GHRC u allura ma jiswiex għall-finijiet ta' din l-eċċezzjoni.

Is-soċjetà intimata GHRC tikkontendi li għall-finijiet tal-artikolu 460 tal-Kap. 12 hija għandha tiġi kkunsidrata bħala l-Gvern jew persuna li għandha kariga pubblika u li għaldaqstant, fil-konfront tagħha, l-azzjoni attriċi kellha tiġi preċeduta b'interpellazzjoni ġudizzjarji skont l-imsemmi artikolu 460.

Madanakollu, din il-Qorti ma taqbilx illi s-soċjetà intimata GHRC għandha kariga pubblika u ċertament lanqas ma tagħmel parti mill-Gvern kif irid l-artikolu 460 tal-Kap. 12. L-eċċepjenti hija soċjetà kummerċjali maħluqa skont il-provedimenti tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta (Att dwar il-Kumpanniji) u mhux awtorità pubbika kostitwita bil-liġi u lanqas xi dipartiment tal-Gvern.

L-artikolu 124 tal-Kostituzzjoni jagħti t-tifsira ta' 'kariga pubblika' bħala kariga bi ħlas fis-servizz pubbliku, waqt li l-istess artikolu jiddisponi li 's-servizz pubbliku' ifisser '*is-servizz tal-Gvern ta' Malta f'kariga ċivili*'. Ċertament illi s-soċjetà eċċepjenti ma taqax taħt din id-definizzjoni.

Il-Qorti qieset ukoll l-interpretazzjoni li ta l-leġislatur stess lill-'entità tal-Gvern' fl-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika (Kap.

497 tal-Liġijiet ta' Malta). Skont l-artikolu 2 ta' dan l-Att, 'entita` tal-Gvern' tfisser '*organizzazzjoni, li ma tkunx dipartiment tal-Gvern, aġenzija tal-Gvern jew soċjetà kummerċjali, li fiha l-Gvern ikollu kontroll effettiv, sew jekk dik l-organizzazzjoni tkun jew ma tkunx imwaqqfa b'liġi*.' Dan ifisser illi l-leġislatur stess eskluda s-soċjeta kummerċjali speċifikament minn dak kollu li jaqa' taħt il-kappa ta' entità tal-Gvern.

Is-soċjetà eċċepjenti GHRC targumenta li hija parti mill-Gvern għaliex hija ffinanzjata u effettivament ikkontrollata mill-Gvern u fil-fatt l-azzjonisti tagħha huma żewġ soċjetajiet oħra kummerċjali kkontrollati mill-Gvern. Madanakollu, jibqa' l-prinċipju bażilari kristalizzat permezz tal-artikolu 4 tal-Att dwar il-Kumpanniji li soċjeta kummerċjali hija independenti mill-membri tagħha. Il-Gvern għażel li joħloq soċjetà kummerċjali minflok ħoloq awtorità, aġenzija jew dipartiment. Din is-soċjetà hija regolata mill-Att tal-Kumpanniji u minkejja li effettivament tieħu ordnijiet mill-Gvern, mhijiex il-Gvern. Soċjetà kummerċjali maħluqa skont l-Att tal-Kumpanniji ma tista' qatt tkun il-Gvern jew persuna b'kariga pubblika kif irid l-artikolu 460.

L-abbli difensur tas-soċjeta intimata GHRC jagħmel riferenza għas-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet Paul Licari vs Malta Industrial Parks Limited tat-18 ta' Settembru 2012 fejn il-Qorti kienet laqgħet l-eċċezzjoni tal-konvenuta f'dik il-kawża li in forza tagħha eċċepiet li l-azzjoni kontriha kellha tkun preċeduta b'att ġudizzjarju għaliex kien applikabbli fil-konfront tagħha l-artikolu 460 tal-Kap 12. Madanakollu, il-Qorti tal-Appell laqgħet l-appell tal-attur u għaldaqstant, permezz ta' sentenza datata 25 ta' Novembru 2016, ħassret u rrevokat is-sentenza tal-Ewwel Qorti u minflok sabet li l-artikolu 460 tal-Kap. 12 ma kienx japplika fil-konfront ta' Malta Industrial Parks Limited.

Il-Qorti tal-Appell irriteniet illi l-artikolu 460 huwa 'privileġġ speċjali' mogħti lill-Gvern u għalhekk għandu jingħata interpretazzjoni restrittiva. Il-Qorti kompliet billi ddikjarat illi s-soċjetà appellata Malta Industrial Parks Limited hija entità indipendenti mill-membri tagħha, u għalkemm hija kumpannija

tal-Gvern, mhijiex il-Gvern.  Dan minkejja li l-Ewwel Qorti kienet osservat illi l-azzjonisti tagħha kienu l-Malta Investment Management Company Limited u l-Ministeru tal-Finanzi stess. Il-Qorti osservat ukoll illi l-artikolu 460 ma jitkellimx dwar awtorità pubblika, bħal ma jitkellem l-artikolu 469A tal-istess Kap. 12, iżda jitkellem dwar il-Gvern.

Din il-Qorti taqbel perfettament mal-insenjament tal-Qorti tal-Appell fil-kawża appena ċitata u in vista tal-kunsiderazzjonijiet kollha magħmula, issib illi l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetà intimata għandha tiġi miċħuda.

Permezz tat-tieni eċċezzjoni tagħha, GHRC teċċepixxi li r-rikors ġuramentat huwa irreċivibbli u null għaliex minkejja li l-ammont pretiż mis-soċjetà attriċi huwa magħruf, id-dritt tar-reġistru tħallas abbażi tat-talbiet attriċi kif dedotti u ċioè abbażi ta' talba għal-likwidazzjoni ta' ħlas.

Madanakollu, is-soċjetà intimata lanqas m'għandha raġun f'din l-eċċezzjoni tagħha għaliex ir-rikors ġuramentat la huwa irreċivibbli u lanqas null.  Fl-ewwel lok, l-artikolu 789 tal-Kap. 12 huwa ċar fir-rigward ta' fejn tista' tintlaqa' l-eċċezzjoni tan-nullità tar-rikors ġuramentat u l-ħlas inkorrett tad-dritt tar-reġistru mhijiex ċirkostanza minnhom.  B'żieda ma dan kollu, lanqas jirriżulta li r-rikors ġuramentat huwa rreċivibbli in kwantu li t-tariffa applikabbli li tinsab fl-Iskeda A tal-Kap. 12 li tirregola kif għandhom jiġu intaxxati l-ispejjeż tal-kawżi tiddisponi li:

> *"4(1) Meta l-valur tat-talba ma jkunx ċert jew likwidu, u ma jistgħux jiġu intaxxati d-drittijiet skont il-paragrafu 3, il-valur tat-talba jiġi intaxxat skont ir-regoli li ġejjin:*
>
> ....
>
> *(2) Meta, minkejja r-regoli li hemm fis-subparagrafu (1) ta' dan il-paragrafu, il-valur jibqa' mhux ċert jew mhux likwidu, id-dritt intaxxat għandu jkun mhux inqas minn €700.*

‘(3) *Minkejja d-disposizzjonijiet ta’ dan il-paragrafu, jekk, wara s-sentenza finali, il-Qorti tkun iddikjarat jew illikwidat ammont bħala l-valur tal-kawża u dak il-valur hu ċert jew għandu jiġi determinat skont il-liġi, u d-drittijiet intaxxati fuq dak il-valur ikunu ogħla mill-ammont imħallas bħala drittijiet tar-reġistru, ir-Reġistratur tal-Qrati jista’ jitlob id-differenza mill-parti li tkun għamlet il-kawża; u jekk fi tmiem il-proċeduri l-valur jibqa’ ma jiġix dikjarat jew mhux determinat mill-partijiet jew mill-imsemmija Qorti, id-drittijiet ikunu stabbiliti skont il-minimu miżjuda (€600), salv id-dritt tar-reġistratur li joħroġ taxxa addizzjonali jekk u meta jkun il-każ.”*

Jirriżulta għalhekk, u dan anke kif tispjega l-Assistent Reġistratur Eunice Grech Fiorini fix-xhieda tagħha fl-udjenza tat-3 ta’ Mejju 2016, li meta fir-rikors promotur ma jintalabx ammont likwidu, id-dritt tar-reġistru jiġi aġġustat skont is-sentenza finali jew mill-atti tal-kawża meta tiġi fi tmiemha. Isegwi għalhekk illi d-dritt korrett skont il-liġi ser jiġi determinat meta tispiċċa l-kawża u dan skont il-proċedura li hija stabbilita mil-liġi stess.

Għaldaqstant, it-tieni eċċezzjoni tas-soċjetà intimata lanqas ma jistħoqq illi tiġi milqugħa.

Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qiegħda taqta’ u tiddeciedi billi tiċħad l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tas-soċjetà intimata Grand Harbour Regeneration Corporation u tordna l-prosegwiment tal-kawża.

L-ispejjeż jibqghu riżervati għall-ġudizzju finali.

IMHALLEF

DEP/REG